19 ta' Otturbru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Samuel Zammit

**"National Insurance Act, 1956" — Impjegat — "Umpire" — Direttur tal-Emigration Labour and Social Welfare — Appell — Sentenza — Nullità — Ġurisdizzjoni — Terminu — Art. 394 u 440(3) tal-Kap. 12 — Art. 40(b), 43(1) u (2), u 44 tal-Att VI tal-1956**

*Sentenza li fiha ma jkunx hemm ċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reat dedott jew misjub, jekk tiġi appellata, għandha tiġi annullata mill-Qorti tal-Appell, għaliex tkun nieqsa minn formalità sostanzjali; u l-Qorti tal-Appell, wara li tkun annullatha, tipproċedi hija stess biex tiddeċidi l-każ.*

*Id-deċiżjoni dwar jekk persuna hijiex jew kienetx impjegata, għall-finijiet tal-liġi dwar is-Sikurtà Nazzjonali, tmiss fl-ewwel lid-Direttur tal-Emigration, Labour and Social Welfare, u dan bis-saħħa ta' dik li tissejjaħ "executive discretion"; mbgħad, mid-deċiżjoni ta' dak id-Direttur jista' jsir appell lill-"Umpire" kostitwit b'dik il-liġi, kif limitat mill-istess liġi; u mid-deċiżjoni tal-"Umpire" hemm appell fuq punt tal-liġi lill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina.*

*Għalhekk, il-punt jekk l-imputat huwiex jew le (ossija kienx jew le) persuna impjegata, ma jistgħax jinqata' mill-ewwel mill-Qrati, imma għandu jsegwi l-gradi ta' ġurisdizzjoni fuq senjati; u jiġi biss taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Appell fil-każ fuq imsemmi.*

*Il-liġi ma tippreskrivix ebda terminu li fih jista' jsir dan l-appell; u għalhekk l-istess appell jista' dejjem isir. Imma, mill-banda l-oħra, hu opportun li l-każ ma jibqgħax "in sospeso" indefinitament; u għalhekk, jekk il-każ jinġieb quddiem il-Qorti qabel ma jkun sar dan l-appell, il-Qorti għandha tagħti terminu lill-imputat biex, jekk jid-*

*hirlu, jagħmel l-appell skond il-liġi; salvo li l-kawża titkompla wara li jkun għadda dak it-terminu jew wara li jkun ġie definit l-appell, skond il-każ.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'Birkirkara, fiż-17 ta' Ġunju 1957, u qabel, ħadem f'impieg assigurat ma Joseph Zammit f'numru 32 Piazza Sant'Elena, mingħajr ma kien assigurat taħt in-National Insurance Act, VI tal-1956;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Awissu 1957, li biha rriteniet li ma rriżultax ċar li l-imputat huwa mpjegat ma' missieru, u lliberatu;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li l-imputat jiġi misjub ħati u kundannat skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza hija appellabbli, għaliex hemm involut il-pont ta' dritt dwar jekk il-Qorti kienetx kompetenti taqta' l-pont jekk l-imputat kienx impjegat jew le. L-eċċezzjoni tal-inappellabilità, għalhekk, ma hijiex fondata;

Ikkunsidrat;

Peress li fis-sentenza "de qua" ma hemmx ċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reat dedott jew misjub, u peress li din hi formalità sostanzjali, għalhekk, skond id-disposti kombinati tal-art. 394 u 440(3) Kap. 12 Ediz. Riv., din il-Qorti, skond l-artikolu l-aħħar ċitat, għandha tannulla s-sentenza, kif qegħedha tannullaha, u tipproċedi hija stess, kif qegħedha tipprovdi, biex tiddeċidi l-każ;

Ikkunsidrat;

Mid-disposti kombinati tal-art. 40(b), 43(1) u (2), u 44 tal-Att VI tal-1956, jidher ċar li d-deċiżjoni dwar jekk persuna hijiex jew kienetx persuna mpjegata tmiss fl-ewwel lok lid-Direttur tal-Emigration Labour and Social Welfare, u dan bis-saħħa ta' dik li tissejjaħ "executive discretion" (ara App. Krim. "Pul. vs. Buhagiar", 13.3.1937). Mbgħad, mid-deċiżjoni tad-Director jista' jsir appell lill-"Umpire" kostitwit bl-Att, kif limitat fl-art. 43(1). Fl-aħħarnett, mid-deċiżjoni tal-"Umpire" hemm appell fuq pont tal-liġi lill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Għalhekk, il-pont jekk l-imputat huwiex jew le (ossija kienx jew le) persuna mpjegata ma jistgħax jinqata' mill-ewwel mill-Qrati, imma għandu jsegwi l-gradi ta' ġurisdizzjoni fuq senjati, u jiġi biss taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Appell fil-każ fuq imsemmi;

Issa, mill-"file" eżibit u l-provi mismugħa jidher li d-Director ġa ta d-deċiżjoni tiegħu dwar li l-imputat kien impjegat ma' missieru Joseph Zammit. Għalkemm appell lill-"Umpire" mill-imputat ma sarx, eppure dan għad jista' jsir, għaliex għal appell simili ma hemmx terminu (art. 43(2) tal-Att). Il-Prosekuzzjoni ddikjarat (ara verbal fol. 8) li ma ssibx diffikultà li din il-Qorti tissopraxxiedi sakemm tingħata lill-appellat l-opportunità sabiex, jekk jidhirlu, jappella lill-"Umpire", u eventwalment, jekk ikun il-każ, lill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina. Hu opportun, s'intendi, li l-każ ma jibqgħax "in sospeso" indefinitament; u għalhekk hemm lok għall-impożizzjoni ta' terminu ġudizzjarju;

Għalhekk, din il-Qorti għal issa pprovdiet billi tat lill-imputat żmien ħmistax il-ġurnata sabiex, jekk irid, iressaq il-każ tiegħu quddiem l-"Umpire" imsemmi fl-art. 42 tal-Att. Jekk jagħmel hekk, il-kawża tibqa' "in sospeso"; rijappuntabbli fuq talba verbali malli l-pont jiġi deċiż mill-

"Umpire", u, jekk isir appell lill-Onorabbli Qorti tal-Appell, malli jiġi deċiż minn dik il-Qorti. Jekk, għall-kuntrarju, l-imputat ma jagħmelx appell lill-"Umpire" fiż-żmien lilu mogħti b'din is-sentenza (ħmistax il-ġurnata), jew jekk, wara li jkun hemm deċiżjoni mill-"Umpire", jgħaddi t-terminu legali ta' tletin ġurnata bla ma jkun sar appell lill-Onorabbli Qorti tal-Appell, allura din il-kawża tiġi rijappuntata fuq talba verbali;

Il-kawża sadattant tibqa' rinvijata "sine die".